MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 418/2014

**Aceline Entertainment Ltd (C-36683)**

**vs**

**Executive Services Ltd (C-6533)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat nhar it-22 ta’ Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici

s-somma ta’ hamest elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€5,325) rapprezentanti drittijiet dovuti lis-socjeta’ rikorrenti ghal servizzi ta’ reklamar illi ghalihom is-socjeta’ intimata kellha thallas fi flus u *in natura* izda illi minnhom is-socjeta’ rikorrenti baqghalha tithallas is-somma reklamata u dana stante illi la hallset is-somom in kontanti dovuti lis-socjeta’ rikorrenti u lanqas hallset is-somma *in natura* dovuta lilha u dana kif jirrizulta mit-tliet (3) fatturi hawn annessi u mmarkati Dok. A, Dok. B u Dok C.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta Executive Services Limited (C6533) ipprezentata fl-24 ta’ Frar 2015 fejn eccepiet:

1. *Illi t-talba kontenuta fl-ismijiet permessi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u s-socjeta’ esponenti qed tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta’ attrici;*

2. *Illi minghajr pregudizju ghas-suespost l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici , u cioe’ is-somma ta’ hamest elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin euro (€5,325), mhux dovut mis-socjeta’ esponenti;*

3. *Illi s-socjeta’ esponenti ma tistax tifhem x’inhi l-konessjoni li hemm bejnha u bejn il-fattura annessa u mmarkata bhala Dok. A. u cioe’ negozju illi sar bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), b’dana illi ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika f’dan ir-rigward bejniethom;*

*Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.*

**Steve Aquilina** xehed fid-29 ta’ April 2015 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici u spjega li jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta’ attrici u dejjem kien prezenti waqt in-negozjati li saru bejn is-socjetajiet kontendenti. Stqarr li s-socjeta’ konvenuta kienet baghtitilhom *email* fejn talbuhom jekk setghux joffrulhom xi reklam fuq il-produzzjonijiet taghhom.

Tenna li r-riklami kienu gia rrekordjati cioe’ *promotional messages* li jaghmlu huma dak il-hin stess fl-*istudio* u kienu wkoll ikopru l-kompetizzjoni li saret fil-programm taghhom wkoll. Effettivament ix-xhud kompla jghid li s-socjeta’ konvenuta kienet tat is-somma ta’ tletin elf ewro (€30,000) *cash prizes*.

Ix-xhud esebixxa l-korrispondenza li giet skambjata bejn is-socjetajiet li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH u kkonferma li f’dan l-istadju kien ghad hemm biss *proposal.* Ix-xhud kompla jghid li wara li kien rcieva din l-*email* kien mar l-ufficju tas-socjeta’ konvenuta fil-Mosta u kienu waslu ghall-ftehim illi effettivament kienu se jaqsmu l-pakkett fi tnejn. Wiehed kien se jkopri reklamar u l-iehor kien se jkopri *shopping* fis-sens li kien se jkun speci ta’ *barter*.

Ix-xhud stqarr li fil-programmi taghhom li jissejhu *Aroma Kitchen* u *Aroma Mattina* ghandom is-sezzjoni fejn ikun hemm ix-*chef* qed isajjar u naturalment ikunu jridu jixtru l-prodotti li bihom ix-*chef* se jsajjar fil-programm. Ix-xhud qal li parti mill-flus li huma kellhom ihallsu tar-riklami li huma kienu se jaghmlu ghas-socjeta’ konvenuta kien jammonta ghal erbat elef ewro (€4,000). Ix-xhud kompla jghid li minflok ma thallsu bi flus cash thallsu permezz ta’ xiri ta’ prodotti li

uzawhom ghall-programmi taghhom stess. Spjega illi l-ftehim dwar ix-xiri tal-prodotti ta' l-ikel kien ghamlu ma' Mike Dimbleby ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kien hemm persuna ohra li jidhirlu kien jisimha Mark u jixtieq jghid li x-*shopping* huma kienu dejjem jaghmluh ghand More Supermarket. Zied pero' li hu qatt m'ghamel xi negozju jew xi ftehim direttament ma' More Supermarkets, lanqas kien jaf in-numru taghhom.

Ir-relazzjoni taghhom kienet dejjem mas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud qal li huma setghu jixtru l-prodotti sal-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) u enfasizza li r-relazzjoni ma' More kienet wahda diretta mas-socjeta' konvenuta.

Rigward l-ewwel parti tal-pakkett, u cioe' rigward dak tar-reklami ma kienx hemm problemi ghaliex dawk kienu fissi, kienu jafu x'se jaghmlu. Ix-*shopping* kienet ukoll ghall-hlas ta' reklami u l-*booking order* li saret, saret biss kontra dik il-parti tal-ftehim rigwardanti r-reklami. Ix-*shopping* u cioe' l-ftehim dwar *shopping* kien via *correspondence*. Ix-xhud esebixxa l-*booking orders* relattivi li gew immarkati bhala Dokument CSH1 u dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument CSH2 rigwardanti x-*shopping* relattiv u *email* li giet immarkata bhala Dokument CSH3 fejn l-ewwel il-klijent kien qalilhom biex jaghmlu x-shopping u kien ha jhallsilhom *cash* taghhom u huwa ma qabilx u in segwitu is-socjeta' konvenuta qablet li kienet ser tohrog erbat elef Ewro *worth of adverts* u minflok johodhom *shopping*.

Ix-xhud stqarr illi l-*email* immarkata bhala Dokument CSH3 hija *email* li rcieva minghand Mark Portelli u x-xhud kien wiegbu ghall-istess *email* tieghu bl-istess *email* pero' l-*print in block letters* hija dik tieghu. Il-persuna li semma aktar kmieni fix-xhieda tieghu bl-isem Mark huwa l-*executive* tas-socjeta' konvenuta u

cioe' Mark Portelli. Ix-xhud gie muri dokumenti li huma ezebiti fl-atti mmarkati bhala Dokument A et seq tal-process li jinsabu inseriti a fol 2 sa fol 8 u qal illi dawn huma l-*istatements* mahruga mis-socjeta' attrici u li ghadhom dovuti sa llum.

Ix-xhud tenna li fil-fatt kull ma kien jaghmel hu kien li jiehu l-*cash sale* tal-More u jinforma lis-socjeta' konvenuta dwar dan il-pagament li jkun dovut. Ix-xhud esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument CSH4. Ix-xhud stqarr li effettivament dawn huma l-*invoices* li huma baghtu lis-socjeta' konvenuta, fejn fuq dawn l-*invoices* hemm miktub *paid* Banif, *paid* BOV u kliem simili ghaliex man mano s-socjeta' konvenuta kienet baghtet xi pagamenti tramite cekkijiet li kienet irciviet hi minghand klijenti taghha diretta liema cekkijiet gew moghtija lilhom bhala *counter signed*.

Naturalment l-ammonti ma kienux jaqblu ghalhekk ix-xhud kellu jara skont liema *invoice* kellu jikkredita dan l-ammont. Ix-xhud ikkonferma li l-bilanc dovut lilhom huwa dak indikat fir-rikors promotur taghhom.

**Gaetano Stear** xehed nhar l-10 ta' Gunju 2015 u ddikjara li kien jokkupa l-kariga ta' *Sales Executive* mas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk qattx sema' bis-socjeta' konvenuta wiegeb li iva sema'. Jiftakar li effettivament kienet saret laqgha bejn is-socjetajiet kontendenti. Ikkonferma li waqt din il-laqgha kienu prezenti Steve Aquilina, Mike Dimbleby, u certu Mark Portelli. Mark Portelli u Mike Dimbleby kienu qeghdin jidhru ghan- nom tas-socjeta' konvenuta. F'dan il-*meeting* kien gie diskuss it-tul tal-kampanja, kif kienu ha jsiru l-*adverts* u kif kien ha jsir il-pagament u kkonferma li l-pagament kellu jsir parti minnu fi flus *cash* u parti minnu *barter*. Qal illi l-*barter* kellu jsir permezz ta' xiri ta' prodotti minghand il-

klijent tal-Executive Services Limited u cioe' mill-kumpanija More. Dan kien id-diskors li dejjem sar mas-socjeta' konvenuta.

Rat l-affidavit ta' **Mark Portelli** pprezentat seduta stante nhar l-1 ta' Lulju, 2015 fejn beda billi qal li dam jahdem mas-socjeta' Executive Services Limited ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u ghall-ahhar hmistax-il (15) sena kien impjegat bhala Studio Manager.

Spjega illi f'Awissu 2013 Executive Services Limited u Aceline Entertainment Limited, senjatament Steve Aquilina, kienu f'kuntatt ma' xulxin permezz ta' e-mail sabiex jiddiskutu xi proposti li kellhom biex is-socjeta' konvenuta tixtri hin ghar-riklamar ghal More Supermarkets minghandhom fuq il-programmi televisivi taghhom. Qal li e-mail bl-ghazliet offruti tinsab esebita in atti u sussegwentement bdew in-negozjati bejn Aceline Entertainment Limited u Executive Services Limited. Ghal dawn il-laqghat kienu jkunu prezenti x-xhud, Michael Dimbleby, Gaetano Steer u Steve Aquilina.

F'Dicembru 2013 kienu lahqu ftehim li kien maqsum fi tnejn. Parti minn dan il-ftehim kien li kellu jsir riklamar ta' More Supermarkets mal-programmi ta' Aceline Entertainment Limited – Aroma Mattina u Aroma Kitchen – u ta' dan inharget *booking order* f'Dicembru 2013. Din tinsab annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok. A. Ta' din il-*booking order* kienu jircievu invoice kull xahar minghand Aceline Entertainment.

Il-parti l-ohra qal li kienet tikkonsisti minn *barter* dirett ma' More Supermarkets. Sostna li Executive Services Limited ma kienu jaghmlu l-ebda qliegh jew

*commissions* minn fuq dan il-*barter* u Aceline Entertainment Limited ma kienux johorgu *invoice*. Qal li kienu ftehmu illi Aceline Entertainment Limited kienu se jkollhom tlett elef Ewro (€3,000) f'valur ta' prodotti li setghu johduhom minn More Supermarkets tal-Hamrun billi jipprezentaw card specjali mill-cash point u minflok ihallsu kienu jinqatghu mill-kreditu li kellhom. Din l-offerta ta' barter kienet limitata minn Dicembru 2013 sa Gunju 2014.

Fil-kaz tal-barter ma sar l-ebda booking order ghaliex kien ftehim purament verbali. Spjega li dan ma seta' qatt jissarraf fi kreditu ghall-hlas ta' riklamar, u lanqas ma kien xi haga dovuta lejhom bhala parti mill-ftehim intier. Qal li l-barter agreement kien ftehim separat illi fic-cirkostanzi kien jaghmel sens minhabba n-natura tal-programm u ma setax jitqies bhala hlas tar-riklamar u fil-fatt lanqas kienet tinahreg invoice lil Executive Services Limited li kellha x'taqsam ma' dan il-barter.

Kompla li f'Gunju 2014 Steve Aquilina kien ikkuntattja lil Executive Services Limited permezz ta' e-mail, esebita bhala Dok. B, biex jghidilhom li mhux se jilhaq juza l-valur tal-*barter agreement* ta' tlett elef Ewro (€3,000) sa Gunju ta' dik is-sena u ghalhekk xtaq li t-terminu jigi estiz sa Settembru 2014. Ix-xhud qal li hu ma setax jiehu din id-decizjoni ghaliex tali decizjonijiet dejjem ittiehdu bl-approvazzjoni tal-management ta' More Supermarkets u fil-fatt dawn finalment kienu accettaw li t-terminu jigi estiz.

Kompla li effettivament it-terminu baqa' ghaddej sa wara Settembru tal-2014 ghaliex Aceline Entertainment Limited regghu talbu li jestendu l-ftehim minhabba li More Supermarket tal-Hamrun kien ghalaq u kienu qed jinqdew minn dak tal-Mosta. Fil-fatt qal li ghal habta ta' Novembru 2014 kien ra lil

prezentatur ta' Aroma, Manuel Xuereb, jibor il-prodotti mis-supermarket tal-Mosta personalment.

Ix-xhud **Mark Portelli** xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2015 fejn qal li effettivament il-*barter* gie estiz bil-permess tal-More , anzi tramite s-servizz taghhom. Ikkonferma li s-servizz kienet tircivieh is-socjeta' More u mhux is-socjeta' konvenuta w dan billi s-supermarket More kien qed jirreklama fuq il-programm tas-socjeta' attrici u huma kienu l-agenti tas-socjeta' More ghal tali riklam, tant li l-*logo* ta' More Supermarket kien jidher fuq il-programm. Gie muri *email* li tinsab ezebita fl-atti a fol 27 u nqralu paragrau partikolari li jinsab f'nofs il-faccata. Ix-xhud ikkonferma illi dana nkiteb minnu. Spjega li din hija datata l-4 ta' Dicembru tas-sena 2013 u ghalhekk jikkonferma li huma kienu l-intermedjarji bejn dan in-negozju u ghalhekk ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet maghhom u huma jkollhom jirrikorru ghall-klijenti taghhom. Dwar ir-reklamar is-socjeta' attrici qal li dejjem hargitilhom invoice pero' dwar il-barter qatt ma kien hemm invoice ghaliex effettivament is-socjeta' attrici kienet tiehu l-*goods in kind*. Pero' x-xhud stqarr li s-socjeta' More kienet tibghatilhom *statement* dwar in-nefqa li kienet taghmel is-socjeta' attrici u b'hekk l-ammont mitiehem mas-socjeta' attrici ta' tlett elef Ewro (€3,000) ma kienx qed jigi maqbuz. B'hekk kienu jzommu kontroll. Filwaqt li cahad li l-ammont tal-barter kien erbat elef Ewro (€4,000), sahaq li kien tlett elef Ewro (€3,000). Sostna li hu kien il-*point of contact* bejn is-socjeta' Executive Services u s-socjeta' More.

Fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju, 2015 xehed **Michael Dembleby** bil-lingwa Ingliza. Ikkonferma li jokkupa l-kariga ta' Managing Director fil-kumpanija Executive Services Ltd. Qal li f'Dicembru 2013 gew avvicinati mis-socjeta' attrici rigward riklamar ghal More Supermarkets li dak iz-zmien kienu klijenti ta' Executive

Services. Ghal dan il-ghan saru diversi laqghat u finalment Aceline Entertainment Ltd. ghamlulhom proposta li kienet maqsuma f'zewg partijiet. Qal li parti mill-proposta kienet tirrigwarda riklamar direttament u l-parti l-ohra kienet tirrigwarda *barter agreement* bejn More Supermarkets u Aceline Entertainment. Qal li xtaqu jirriklamaw waqt programm tat-tisjir li kienet qed tipproduci l-kumpanija attrici. Qal li s-sistema kienet tahdem billi rapprezentant ta' Aceline Entertaiment kien imur jixtri l-prodotti minghand More Superarket u jixtri l prodotti minghandhom u spjega li r-rwol taghhom bhala agenzija ta' Riklamar kien li jiffacilitaw l-affarijiet u mhux li jissupplixxu huma l-prodotti minghand More Supermarkets. Jghid li ghaldaqstant, kienu Aceline Entertaiment stess li kienu jmorru jiehdu l-prodotti mis-supermarket.

Ikkonferma li s-sistema tal-*barter* kienet limitata ghas-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000). Tenna li xoghol Executive Services Ltd kien li jiffacilita dan kollu. Spjega li kull meta rapprezentanti minn Aceline Entertainment kienu jmorru ghall-prodotti mill-More Supermarkets, kienu jipprezentaw card mahruga lilhom mill-istess supermarket u kull darba kien jitnaqqas il-valur tax-xirja mill-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) moghtija lilhom originarjament.

Ix-xhud iddikjara li suppost din il-card kellha tibqa' tintuza sa Gunju 2014, pero' mbaghad huma estendewlhom it-terminu sa Settembru 2014. Tenna li hu kien kellem lil certru Sur Camilleri, General Manager ta' More Supermarkets dwar dan ghalkemm jghid li fil-fatt kien Mark Portelli li kien qed jahdem fuq din il-kwistjoni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-tielet ecezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li mhix il-legittima kontradittur tas-socjeta' attrici stante li fil-fehma taghha ma

tesisti l-ebda relazzjoni guridika f'dan ir-rigward bejniethom. L-istess avukati difensuri talbu li din il-Qorti taghti sentenza preliminari dwar din l-eccezzjoni u ghalhekk din is-sentenza ser tinghata biss fuq din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.

Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' dik l-istess socjeta', u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.

Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni u ghalhekk f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'</u>** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik l-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**' jinghad li:

*"b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport*

*obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Fil-kaz in desamina jidher li s-socjeta' attrici qed tibbaza it-talba taghha a bazi ta' ftehim li gie milqugh bejnha u bejn is-socjeta' konvenuta kif rapportata fl-iskambju ta' e-mails ipprezentati fl-atti a fol. 20 et seq immarkati bhala Dok CSH u in oltre a bazi ta' *booking order* prezentat ukoll fl-atti immarkat bhala Dok CSH 1 a fol. 22 et seq. Jidher li l-kontraenti f'dan in-negozju kienu is-socjetajiet kontendenti. Illi jidher li bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm diversi inkontri u qatt ma kien hemm prezenti xi rapprezentant tas-socjeta' More Supermarket sabiex jinnegozja it-termini tal-ftehim. Dan kollu sar bejn is-socjetajiet kontendenti biss. Jidher li is-socjeta' More kienet klijenta tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ir-relazzjoni taghha hija limitata ghas-socjeta' konvenuta. Jidher ukoll fl-atti hemm esebiti diversi invoices li kienu johorgu mensilment (vide fol. 32 et seq) u dawn dejjem gew mahruga f'isem is-socjeta' attrici a favur is-socjeta' konvenuta u mill-atti ma jidhirx li s-socjeta' konvenuta qatt talbet lis-socjeta' attrici sabiex tindirizzhom lis-socjeta' More. Huwa biss meta efettivament is-socjeta' attrici pprezentat ir-rikors odjern li s-socjeta' konvenuta indikat is-socjeta' More bhala s-socjeta' responsabbli ghall-allegat kreditu jew ahjar li ghandha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Steve Aquilina fix-xhieda tieghu jghid li l-ftehim li ghamel kien ma' Michael Dimbleby u Mark Portelli ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u li qatt ma kien ghamel xi ftehim ma' More. Jghid li kien ftiehem maghhom li setgha jaghmel ix-xirja ghall-programm Aroma Mattina minghand il-More u dan bhala barter ghal parti mill-flus li kienu dovuti lilu mis-socjeta' konvenuta. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta lanqas biss harket xi rapprezentant tal-More sabiex jixhed jew jittanta jikkolobora it-tezi taghha. Jghid li s-shopping kien ikun bhala hlas ghar-reklami li kienu jaghmlu ghas-socjeta' konvenuta. Steve Aquilina jikkonferma wkoll li s-socjeta' konvenuta

kienet ghamlet gja diversi pagamenti akkont ta'dan il-ftehim kif indikat bil-*hand writing* fuq numru ta' invoices esebiti. Dan il-fatt qatt ma gie kontestat mis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk kieku dan ma kienx minnu zgur li kien jigi kontestat. Allura l-Qorti tistaqsi x'kienet ir-raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel pagamenti meta hija qed tghid li kellhom isiru mis-socjeta' More. Dan huwa indikattiv li kien hemm ftehim iehor bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' More li kien wiehed independenti mill-ftehim li kellha hi mas-socjeta' attrici.

Mark Portelli ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kkonferma fl-affidavit tieghu li ghal-laqghat kienu ikunu prezenti biss rapprezentanti taz-zewg socjetajiet kontendenti ghalkemm isostni li s-socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi f'isem is-socjeta' More. Dwar dan ma jidher li hemm l-ebda prova dokumentarja u lanqas konferma mis-socjeta' More innifisha. Jghid li n- negozjati saru bejniethom fuq medda ta' zmien u wara li kien hemm skambju ta' emails relattivi dwar il-*fine tuning* ghan-negozju in desamina. Fil-fatt Mark Portelli jghid li s-socjeta' konvenuta xtaqet tixtri xi reklamar ghas-socjeta' More u qatt ma jghid li kienet is-socjeta' More li xtaqet tixtri dan ir-reklamar u ghalhekk dan huwa indikattiv li r-relazzjoni tal-More kienet mas-socjeta' konvenuta biss. Anke meta jispjega kif effettivament kien hemm *extension* tal-uzu tal-card li kienet tintuza ghand il-More ghas-shopping, is-socjeta' attrici ftehmet mas-socjeta' konvenuta li mbaghad *in turn* ftehmet mas-socjeta' More u ghalhekk dan jikkonferma li ma kien hemm l-ebda ftehim dirett bejn is-socjeta' attrici u dik ta' More. Fix-xhieda tieghu Michael Dimbleby jghid li f'Dicembru 2013 gew avvicinati mis-socjeta' attrici rigward riklamar ghal More Supermarkets li dak iz-zmien kienu klijenti ta' Executive Services u huma dahlu f'negozjati mas-socjeta' attrici dwar reklamar ghal fuq il-programm taghhom.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li effettivament hija s-socjeta' More li ghandha ir-relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta u l-Qorti tordna il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.**

**L-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------